GHID TLUGH IS-SEMA TA SIDTNA MARIJA

Kif u Meta Nbeda.

NISEL U KOBOR TIEGHU F'MALTA

Fil "Berka" ta bhal-lum sena konna gibna xi hagia fuq il Ghid ta Tlugh is-Sema tal Madonna kif isir mill'Insara Latini fuq il Qabar ghaziz taghha fil Wied tal Getsemni, qrib il belt ta Gerusalemm.

Il-lum sejrin nghidu xi hagia ohra fuq dan il Ghid Imqaddes, u natu xi taghrif iehor tieghu li f'Malta aktarx ikun hawn min ihobb jaqrah.

Il Ghid ta Tlugh is-Sema ta Sidtna Marija hu wiehed mill ghejjieda l'aktar qodma tal Knisja mqaddsa. Ma hux maghruf sewwa meta beda jsir; hemm min jghid li nbeda fi zmien ir-Rwiesel (l'Appostli) imma hu maghruf fis-shih li dan il Ghid kien ilu li beda jsir qabel gheluq is-seklu III.

Ara kemm hu hekk, l'Imperatur Mawrizju, li kien jahkem ghal dik il habta, amar li ghid Tlugh is-Sema tal Madonna jibda jsir fil 15 ta Awwissu, u m'hux fit-18 tax-xahar ta Jannar. Targia, minn kliem li qal il Papa Sergju, li kien jghix fir-IV seklu, jidher ciar li dan il Ghid ghal dik il habta kien isir f'Ruma. Billi dan il Ghid aktarx inbeda fost l'Insara ta Gerusalem, fis-seklu IV kellu jkun qadim hafna, la darba kien lahaq beda jsir gewwa Ruma wkoll. Ghalhekk dawk li jzommu li dan il Ghid beda jsir fi zmien r-Rwesel, aktarx li jekk gheltu, gheltu ftit li xejn.

Ghedna li dan il Ghid aktarx li nbeda n-naha ta Gerusalemm, u dan aktarx li ma satax jonqos, la darba l'knisja mqaddsa twieldet hemmekk, u dan il Ghid ta Tlugh is-Sema ta Sidtna Marija nbeda, (tista tghid) ma twielid il Knisja. Targia, il Madonna m'hux minn qabarha telghet is-Sema? Mela fuq qabarha l'ghaziz kellha titnissel it- Tifkira ta dan is-sebh taghha.

F'Malta, Tlugh is-Sema tal Madonna hu wiehed mill aqwa ghejjieda ta ma tul is-sena. Din il qima taghna l'Maltin lejn Tlugh is-Sema tal Madonna aktarx tnisslet fostna mill'Insara ta Gerusalemm li, kif jidher f'bosta hwejjeg, kellna wisq x'naqsmu maghhom, u xrobna bosta minn drawwiethom fl'ewwel zmienijiet tal Knisja, meta ma kienx ilna li sirna nsara. Imma fuq dan bhal issa ma' nsemmu xejn, biex ma ntawwlux.

Ara kemm hi kbira l'qima tal Malti lejn it-Tlugh is-Sema tal Madonna jew, kif drajna nghidu illum, lejn Santa Marija, li sebgha Knejjes kbar f'Malta u tnejn f'Ghawdex huma mqaddsin ghal isem taghha, barra minn ghadd kbir ta knejjes zghar. Il Knejjes il Kbar li semmejna f'Malta huma tal Mosta, ta H'Attard, ta Hadja dik tal Mosta. Din ma hix l'aqwa Knisja ta Malta biss, imma biex wiehed jaghraf il kobor taghha bizzejj l jahseb li fid-dinja kif id-dur ma hawnx hliet zewg Knejjes li ghandhom il koppla taghhom akbar minn tal Mosta—dik ta San Pietru f'Ruma u l'ohra ta San Pawl f'Londra. Tal Mosta mela hi it-tieled wahda fil kobor, fost il koppli tal Knejjes tad-dinja.

L'inginjier li bena dil Knisja kien Giorg Grognet de Vasse', u il Gvernatur ta dak iz-zmien Ponsomby, ma hlejjaq kbar ta nies. Izda nieqfu hawn biex ma ntawwlux Nghidu biss li l'bini tal Knisja gie mitmum fis-sena 1860, u li tbierket fis-16 ta Frar ta dik is-sena. Fiha wisa ta 118 il pied minn naha ghal ohra, u 120 fil gholi taghha.



Il vara tal Mosta.

Semmejna wkoll il Knisja ta H'Attard, li hi mqaddsa f'gih Tlugh is-Sema tal Madonna.

Din il Knisja nbniet fis-sena 1613, u l'bennej taghha chien wiehed hattardi, Masu Dingli, zaghzugh ta 19 il sena. Il Kappillan ta dak izzmien kien Dun Stiefnu Butigieg. Wara, fis-sena 1718, inbena il kampnar taghha, u s-sagristijiet, dik tal lemin imbniet fis-sena 1740 u l'ohra fis-sena 1856.

Il bini tal Knisja hu ghamla ta salib u fiha b'kollox 10 artali. Giet imbierka fis-7 ta Mejju 1730, mill' Isqof Alferan (Il Ferghan). Il vara, li hi sabiha hafna, jinghad li nhadmet f'Marsilja, u ha hsiebha wiehed qassis, Dun Giuzepp Ebejer.

Il Knisja ta Hal Ghaxaq, dik li hemm il-lum, bdiet tinbena fil-20 ta Dicembru 1733, u l'ewwel hagra taghha qieghda Mons. Alferan f'dan il jum li ghedna. Tlestiet fissena 1756, jigifieri wara xoghol ta 23 sena. L'Arkitett taghha kien ismu Sebastian Saliba. Giet imbierka minn Monsinjur Labini fit-2 ta Mejju 17[illegible]

Il Knisja fiha korsija, zewg kappelluni, u zewg sakrestiji fiha wkoll 10 artali.

Il vara ta Santa Marija hi xoghol ta naqqax Malti, Marjan Gerada, u saret fis-sena 1808 bi flus wahda ghanja, Marija Farrugia.

Imbghad ghandna l'Knisja tal Gudja. Id-disinn taghha ghamlu Masu Dingli, dak ta H'Attard, u x-xoghol tal bini taghha gie mitmum fis-sena 1666, u giet imbierka mill Isqof Labini fis-sena 1785. Il Knisja fiha l'korsiji u d-dirghajn, u ggib 10 artali.

Li statwa tal Madonna inhadmet minn Censu Dimech fl'1807 u hareg il flus taghha qassis minn dak irrahal, Dun Tumas Zammit.

Il Knisja tal Qrendi li hi wkoll imbierka bl'Isem tat-Tlugh fissema tal Madonna giet mibnija fis-

Il vara tal Gudja.



Il vara ta H'Attard.

Il vara tal Mqabba.

Dingli, tal Imqabba, ta Hal Ghaxaq, tal Gudja u tal Qrendi. F'Ghawdex hemm dik tal Kattidral tar-Rabat u taz-Zebbug. Dan barra minn Knejjes kbar ohra, u l'Kattidral ta Malta, li dan kien mqaddes f'isem Santa Marija wkoll.

Fost il Knejjes il kbar ta Malta li huma mqaddsa fl'isem ta Santa Marija l'akbar u l'isbah wahda hi-

ntefqu fil bini taghha £4,500, ghad li bosta mix-xoghol taghha ghamluh il Mostin b'xejn. Il Kappillan Callejja kien l'ewwel wiehed li qanqal il bini ta din il Knisja, billi halla ghal daqshekk 16,000 skud minn butu. L'ewwel hagra taghha tqieghdet fit-30 ta Mejju 1833. Tqieghdet mill Vicarju tal Isqof Dun Salv Lanzun, u kien jinsab ukoll hemm

snin 1685-1712, u zanzanha Mons. Labini fis-sena 1782. Id-disinn tal Knisja ghamlu Wenzu Gafa', malti. Fiha korsija, zewg kappelluni, zewg sakrestiji u kor: tghodd b'kollox 10 artali.

imkabbra u msebbha sewwa dan l'ahhar fi zmienijietna, bit-thabrik tad-Dinglin, u bil ghajnuna ta flus tal Kavalier Carmelo Bugeja. Il vara hadimha wiehed rabti, imsemmi Mastru Anton, fis-sena 1623.

Il Knisja taz-Zebbug ta Ghawdex hi ukoll imqaddsa f'gieh Sidtna Marija Tielgha s-Sema. Giet imzanzna mill Isqof Alferan fl'ahhar jum ta Settembru 1736.

in-nies li jigihom quddiem ghajnejhom dawna l'hsiebijiet sbieh! In-nies ta zmienijietna il ghid tal qaddis jghodduh bhala jum ta xalar, billi jieklu u jixorbu zejjed, u johorgiu jiddandnu mat-triqat.



Il vara ta Hal Axiaq.



Il vara tal Imgiarr ta Malta.

Il vara tal Qrendi.

Il vara giet maghmula fis-sena 1840 mill iskultur Toni Kirkop, mill Isla.

Il Knisja tal Imqabba wkoll hi moghtija lill Sidtna Marija tielgha is-sema. Dil Knisja giet mibnija taht it-tmexxija ta zewg mghallmin maltin, Marju u Gianmarija, missier u iben, u ix-xoghol intemm fis-sena 1689. Giet imbierka fil 20 ta Mejju. Fiha korsija, zewg dirghajn, kor u zewg sagristijiet. Il vara ta Santa Marija hadimha Xandru Farrugia, miz-Zejtun, fis-sena 1836.

Il Knisja ta Had-Dingli, li taghmel il Ghid taghha fit-Tlugh is-Sema tal Madonna, inbniet l'ewwel darba fis-sena 1678, imma giet 1861, u wara gew mizjuda maghha xi angli zghar biex aktar isebbhuha.

Il Knisja tar-Rabat t'Ghawdex, dik li tinsab il-lum, kellha bhala arkitett taghha lill Malti Wenzu Gafa'.

Il bini taghha nbeda fit-22 ta Settembru tas-sena 1697 u ntemm lejliet Santa Marija tal 1711. Giet imbierka u mzanzna minn Mons. Giakbu Cannaves fil 11 t'Ottubru 1716.

Ghandha l'ghamla ta salib, fiha tnax l'artal. Imzejjna b'bosta rhamijiet u xbiehat mill'ahjar.

L'Isqof Cagliares ghamilha Colleggiata b'bolla tal Papa Urbanu VIII mahrugia fis-6 ta Giunju

Issa, wara dawn l'erbgha kelmiet li ghedna hawnhekk, jixraq li kieku nfakkru hagia zghira, li fil ghejjieda tal qaddisin li naghmlu ahna l'Maltin, aktarx li dejjem ninsewha; din il hagia hija il ghân jew "scop" li ghalieh Ommna l'Knisja Mqaddsa taghmel il ghejjieda tal qaddisin ma tulek ja sena.

Il ghân tal ghid ta kull qaddis, u wisq aktar tal ghid ta Tlugh fis-Sema tal Madonna, huwa dak li ngibu quddiem ghajnejna il qdusija u il virtujiet tal qaddis li jkun, infahhru l'Alla ghal qawwa li tah u nahsbu li nixbhuh fil ghemil taghna.

Imma, milli jidher, kemm huma ftit, fost il Maltin ta illum, dawk

M'hux hekk ghandu jkun. Il Madonna li kienet safja minn kull hjiel ta dnub biex fl'ahhar telghet rebbiha fis-Sema ma tridx li ahna nithennew maghha bla ma nkunu safjin mill-ahjar li nistghu. Ghalhekk jixraq li lejliet dan il Ghid Imqaddes, kull wiehed u kull wahda minna titnaddaf sewwa mill htijiet b'wast ta qrara tajba, u hekk nithennew bil ghid tat-Tlugh taghha fis-Sema, issa fuq l'art, u bit-talb taghha, ikun jisthoqqilna mmorru nithennew flimkien maghha biddehra t'Alla l'Imbierek, fil Genna Mqaddsa wara mewtna.

Ir-ritratti tal vari ta Santa Marija li kieghdin jidhru f'dawn iz-zewg facciati huma xoghol MANUEL SCIORTINO *tal Hamrun.*

FERH MAS-SULTANA TAS-SEMA U L'ART

SIDTNA MARIJA VERGNI

MICTUB

mis-Sac. Dr. Ludovicu Mifsud Tommasi.

Cull hatt hieni ilsienu iholl,
Ma Maria nifirhu il coll,
Ghax fis-Sema l'Angli ucoll
Illum jidru ferhanin.
Ir-rebh cbir ta dir-Regina
Ecda, helua, ecda hanina
Ghandu il ferh inissel fina
Minn tal Angli Kaddisin.

I.

Nifirhulec, o Maria,
Ghax mahluka geit bla htija,
Grazia lilec biss moghtija
Fost in-nisel ta Adam.
Lilna, iddeu, li midimbin
Ghax bil htija imnisslin,
Thallix izjed mitfunin
Kalb edana l'icrah dlam.

II.

O Maria, nifirhulec
Ghaliex smajtna insehulec,
Mita l'Angli geu selmulec
Dic inhar l'inti tuelitt.
Deh! illum fittex ismaghna,
O Sultana Omm minn taghna,
Sa biex ruhna ucoll tistaghna
B'dac il hena, l'inti zitt.

III.

Geuua it-Tempiu ip-presentata
Mill Omm tieghec ix-xiurtiata;
Int sthajjiltec g'ia beata
f'dic l'iscola tal virtu'.
Biex ghal Alla fis nittajjru,
U ma inhobbu il hatt hlief ghairu;
Akilghinna li nithajjru
Naghmlu bhalec Omm Gesu'.

IV.

Ebda bezgha ma fadallec,
Meta l'Anglu gie' uassallec
Dic l'ahbar, li fiha kallec;
Tibka Xebba, u is-sir Omm.
Dic il grazia, li hi misiuba
Minnec uahdec ghax maghgiuba,
Lilna kassam bhal mitluba
Seu bil kalb, seuua bil fomm.

V.

Ma Karibtec mort tithenna,
U'l ferh f'kalbec hemm it-tenna,
Ghaliex saret donna Genna
F'dakka uahda dic id-dar.
Maghna gedded din iz-ziara,
Nitolbuc il coll bil hrara,
Lilna ei farrag mita tara
Li ninsabu kalb l'imrar.

VI.

Mita l'Ibnec Iben t'Alla,
Li tant lilec ghogbu ghalla,
L'euuel darba lilec halla
Geuua Betlem tifrah bih;
B'ferh hecc cbir kalbec intliet;
Li il ferh sebket u ghaddiet
Sa ta l'Angli li fl'art giet
Cant is-samma uisk sabih.

VII.

X'ferha kellec, o Maria,
Mita inhar l'Epifania
Geu iuegghu lil Missia
L'acbar Slaten minn tal Vant!
Biex ucoll ahna inferrhuc,
U biex m'Ibnec inuegghuc,
Int ferrahna, u nitolbuc,
Uakt li tisma dan il cant.

VIII.

Il ferh tighec min isarraf
Mita Xmuni mux biss tarraf,
Ma bic-ciar fit-Tempiu gharraf
Lil Gesu' bhal Salvatur!
Ah! la darba biex jifdina
L'Iben tighec gie' ghalina;
Inti fittex illi fina
Dan il gid ingiarrbu zgur.

IX.

Geuua it-Tempiu lid-Dutturi
Il Gherf tighu kieghed juri
L'Ibnec sibt uara id-duluri
L'izjed horox li girrabt.
Jecc katt ahna nitilfuh;
Int hajjarna l'inficciuh:
Geuua hdanec insibuh,
Li ghalina dejjem tlabt.

X.

Il ferh tighec min jinsieh,
Mita rait mil meut rebbieh
B'doti imzejjen l'actar sbieh
Daca l'Iben, li cont bkeit!
Hajja gdida akilghinna,
Biex ma tista katt tahfinna
Dic il meuta, li irid minna
L'acbar ghadu, l'inti inkeit.

XI.

X'ferh kien tighec, o Maria,
Mita l'Ibnec fost id-dia
Tal Missier fil-lemenia,
Ilmaht tiela min di l'art!
Sa biex mighu hu itellaghna,
Bhal ma uieghed u temmaghna,
Bit-talb dejjem jekaf maghna,
Illi Uliedec inti htart.

XII.

Fraht ucoll f'Gheit il hamsin
Kif l'Apostli migmughin
Rait b'dauc l'ilsna moghnijin
Minn tan-nar lilhom meghud.
Bi gmiel cbir biex ilibbisna
Edac Alla, li kaddisna;
Itlob int illi ikebbisna
B'nar, li irridu dlonc miziud.

XIII.

Ferh izd'acbar katt ma kien,
Illi deher cullimkien,
Mita is-Sema tlait flimkien,
U bil gisem, u bir-ruh.
Minn did-dinja fittex honna,
Ghala is-Sema igbidna conna,
Biex ix-xiorti jista iconna
Ferh hecc cbir nibdghu ingiarrbuh.

XIV.

Alla lilec ghogbu jati
L'oghla tron fuk il Beati,
U fuk l'Angli tant xiurtiati,
Ghax Sultana inti sirt.
Minn hecc gholi hares leina,
Li kuddiemec hawna geina
Nifirhulec ghax imzeina
Int bil gmiel tas-sema dhirt.

XV.

Kif bir-rebh fis-sema tlait;
Biss int uahdec im-mertait
Ta dac l'Iben, li raddait,
Tcun imkieghda fil-lemin.
Ghaldaksecc ahna imbiercuc
U bil hrara nitolbuc,
Biex fin-nahha tax-xelluc
Ma nigiux ahna imxeulhin.